MDINA

# Minuti tal-laqgha numru 14 tas-sitt Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 01 ta' Lulju 2010 |
| HIN | 2.30 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Frederick Azzopardi | FA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

14.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 13 gew approvati kif moqrija wara li ma kienx hemm korezzjonijiet.

14.2 Arrising Out:

14.2.1 Il-meeting bejn Onor Dr Chris Said , Il-Kunsill u il-Kuratur tal-Arkivji inzamm nhar il-Gimgha 4 ta' Gunju 2010. Kienet ser tigi studjata il-possibilta li l-Arkivji jigu trasferiti f'Corte Capitanale. Ghal dan l-ghan il-Kunsill kien qabbad il-Perit Musumeci biex jevallwa l-istruttura tal-bini tal-Palazz Vilhena. Dan l-istudju kien diga beda.

14.2.2 It-Talba ghal-kwotazzjonijiet biex jigu restawrati zewg kanuni kif ukoll isir maintenance works fuq il-Bandli kienu gew pubblikati.

.

14.3 Inqrat il-Korrispondenza ta' Batch 12 u 13 fosthom:

14.3.1 Applikazzjoni mix-Xara Palace dwar Table & Chairs. Il-Kunsill qabel li jissometti kjarifika taz-zona kif ukoll jaghmel oggezzjoni jekk it-talba qed tkun aktar min dak koncess bhalissa fil-Pjazza tal-Kunsill

14.3.2 L-ittra mibghuta mis-Sur Antoine Gambin rigward Konferenza u Kuncert zghir li ser isir l-Imdina f'Settembru 2010

14.3.3 Ittra mibghuta minn Ms Claudette Abela Baldacchino rigward zjara tal delegazzjoni mil-Kumitat tar-Regjuni f'Novembru 2010. Il-Kunsill qabel li jilqa it-talba biex nilqghu dan il-grupp fl-Imdina u wara naghmlu Stand Up buffet.

14.3.4 Talba mill-grupp Astra biex jorganizza serata fl-Imdina flimkien mal Kunsill. Minhabb ragunijiet finanzjara din l-attivita ma kienitx possibli li ssir ghalissa

14.3.5 Talba min Vittorio Cuircina biex izomm Ice cream Vendor fejn id-dahla ta Vilhena Gate giet rifjutata

14.3.6 Kien hemm korrispondenza dwar skart mahrug barra mil-operaturi tal-Bacchus Restaurant

14.3.7 Gejna infurmati li fi DCC ser tigi diskussa talba ghal restawr ta' Bieb fi triq Inguanez

14.4 Courtyard Concerts

14.4.1 Kien hemm talba biex jsiru Courtyard Concerts f'xi postijiet fl-Imdina. Din it-talba giet minn George Scerri. Il-Kunsill qabel li biex jghin din l-inizjattiva jghati riklam ghal kull attivita fuq gazzetta bl-Ingliz.

14.4.2 Dan il-grupp offra ukoll li jghamlu intervent zghir waqt il-BBQ tal-Kunsill f'Settembru

14.5 BBQ

14.5.1 Wara diskussjoni kien hemm qbil biex il- BBQ li l-Kunsill jorganizza kull sena jinzamm nhar il Gimgh 3 ta' Settembru fil-bitha tal-Palazz Vilhena

14.5.2 Kellhom jingabbru kwotazzjonijiet minn 4 operaturi ; Point de Vieu, Appettitosa, Cateressence u MK Leisure

14.6 Update Bastions Restoration Works

14.6.1 Il-Kunsill qabel li jitlob lil Perit Norbert Gatt tar-restoratioin unit tal-MRRA biex fil-laqgha li jmiss jissotometti rapport tax-xoghol li qed isir u dak li huwa ppjanat. Ghalhekkk il-Perit Gatt kellhu jigi mistieden ghal-laqgha li jmiss tal-Kunsill

14.7 Update Paving repairs

14.7.1 Ix-xoghol ta' manutenzjoni fuq il-pavimentar tal-Imdina kien gie sospiz minhabba l-istagun tas-sajf. Dan ghandu jitkompla fix-xhar ta' Ottubru

14.8 CCTV fi pjazza M. Galea Testaferrata

14.8.1 Il-Kumitat kongunt kien approva it-twahhil ta' din il-kamera u issa gie stabilit il-post fejn ser tehel. Ix-xoghol ghandu jitlesta fil-gimghat li gejjien meta jitlestew il-proceduri kollha min diversi entittajiet.

14.9 Progett biex jigi sottomess lil EUC

14.9.1 Environment Upgrade Committee li jitmexxa mill-OPM talab lil kunsill jissotometi proposti biex ikunu jistghu jidhlu fil-budget tas-sena id-diehla. Wara diskussjoni kien hemm qbil li nipproponu it-tarmak ta' Triq il-Vapuri. Kellna nigbru stima tal-ispejjez involuti

14.10 Road Markings fi triq Gharreqini

14.10.1 PSM qal li huwa kien qieghed jitkellem mac-Chairman tal-MT biex il-kont pendenti ta' Euro 500 jigi annulat u nibdew diskussjonijiet dwar sinjali godda

14.11 Bollards tal-gebel fil-Mina tal-Griegi

14.11.1 Kien hemm qbil li jingabru quotation biex jigu mibdula il-bollards tal-gebel li hemm fejn il-mina tal-Griegi. PS kellhu jgib quotation minn ghand Agius Stone Works.

14.12 Zebgha tal-Biebin fi triq il-Magazini

14.12.1 Kien hemm qbil li tohrog sejha ghal quotations biex jinzebghu il-biebin tal-Imhazen fi triq Magazini

14.13 Twinning ma Lecce

14.13.1 Kienu reghu bdew il-kuntatti mal- Comune ta' Lecce biex nippruvaw naghmlu gemellag maghhom. Permezz ta terza persuna il-Kunsill

kien kiteb mill-gdid lil persuna inkarigata fil-Comune li jkun jista jghati pariri lil Kunsill fuq diversi progetti.

14.14 Infurzar tal-ligi dwar il-karozzini

14.14.1 Saret diskussjoni dwar is-sitwazzjoni tal-infurzar tal- bye-law dwar il-karozzini , specjalment l-uzu ta rubber hose. Di il-parti tal-ligi mijiiex qed tkun osservata u ghalekk il-kunsill talab kemm lil MT, kif ukoll lil wardens biex jinfurzaw din il-parti tal-ligi, izda MT qalet li ma huwiex kompitu taghha, filwaqt li l-Wardens qalu li huma ma jistghux fil-limitu taghhom jiccekjaw. Ghalhekk kellna nippruvaw nitolbu lil Pulizija jew Entita/Individwu li jkun jistgha jivverifikawha huma.

14.15 Affarijiet Ohra

14.15.1 PSM informa lil Kunsill dwar il-Website tal-Kunsill. Kien fadal xi zewg kummenti zghar biex jintbaghtu lid-designer.

14.15.2 Gie mistieden Perit Karm Farrugia biex jghati il-proposti tieghu dwar parking slots fil Car Park ta'Howard Garden. Kien hemm qbil li din il-proposta nibghatuha ghal konsultazzjoni ta Perit tal-Planning Division tal-MRRA

14.15.3 Kien hemm qbil li nkelllmu lil Mario Spiteri dwar il-problema tal-Hammiem fil-bini tal-Kunsill li regghet tfaccat

14.15.4 Gie approvat li naghmlu intervent ta' darba biex innadfu Triq il-Vapuri, Triq Gharreqini, fejn l-istazzjon. Messrs Gauci gew imqabda biex jaghmlu dan l-intervent

14.15.5 PS ta informazzjoni dwar iz-zewg quotations li ntbaghtu fuq il-hasil tal-Ufficini tal-Kunsill.Wara diskuzzjoni kien hemm qbil li l-kuntratt jinghata lil Gafasaveway, ghaliex kienu l-orhos u l-eqreb lejn l-esegenzi tal-Kunsill.

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra il-laqgha giet aggornata fil 5.30 pm sine die.

__________________ ________________

Peter Sant Manduca — Sindku

Paul Spiteri — Segretarju Ezekuttiv